MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 150/2011/1

**Avviz Numru: 150/2011/CSH**

**Aceline Entertainment Ltd**

**vs**

**Price Breakers Ltd**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-16 ta' Dicembru 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-6 ta' Mejju 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha is-somma ta' hamest elef, mitejn u*

*tnejn u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€5,222.45) in kwantu elf, tliet mija u erbgha u erbghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,344.25) rapprezentanti somma dovuta lis-socjeta' attrici (kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok A, Dok B u Dok C) u tliet elef, tmien mija u tmienja u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€3,878.20) dovuta lis-socjeta' attrici (C-42570) (kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok D sa Dok J) socjeta' kummercjali illi giet amalgamata mas-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mis-sett ta' dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok K u minnu jirrizulta illi gew assenjati lis-socjeta' attrici d-djun u l-assi kollha tas-socjeta' attrici.*

*Talbet ukoll li din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas ukoll l-imghaxijiet kalkolati skont is-sotto Titolu 1A tat-Titolu 11 tal-Kodici Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) sad-data tal-pagament effettiv u kif stipulat fis-sotto Titolu imsemmi.*

*Bl-ispejjez inkluzi wkoll l-ispejjez tal-Ittri Ufficjali bin-numri 2883/2009 u 2884/2009 kontra is-socjeta' konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta datata 16 ta' Gunju 2011 fejn eccepiet is-segwenti:*

*1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi minkejja li kien sar ftehim bejn il-partijiet rigwardanti r-reklamar tal-prodott ta' l-esponenti fuq programm televiziv tas-socjeta' attrici, il-mod ta' reklamar ma kienx tal-kwalita' patwita.*

*3. Illi l-partijiet kienu waslu fi ftehim amichevoli sabiex isolvu din il-pendenza, u dan billi l-attur kellu jaghti lis-socjeta' konvenuta credit note filwaqt li l-konvenut kellu jaghti lill-attur nomine pagament.*

*4. Illi s-socjeta' attrici naqset li tonora dan il-ftehim u qatt ma tat credit note lill-konvenut nomine.*

*5. Illi l-konvenut nomine hallas lis-socjeta' attrici fil-21 ta' Jannar 2009 (Dok. A) liema hlas sar ghas-saldu ta' kull pretensjoni 'in full and final settlement'.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

***Alan Vella** xehed nhar it-23 ta' Novembru 2011 ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u kkonferma li huma jordnaw riklami ta' detergenti fuq it-televixin. Ix-xoghol taghom huwa li jiiproducu detergenti waqt li s-socjeta' attrici tipprovdi is-servizz ta' reklami ghal tali prodotti. Ma jiftakarx kif bdew r-relazzjoni tax-xoghol bejniethom u huwa kien sorpriz hafna fuq it-talba li ghamlet is-socjeta' attrici u dana ghaliex huwa kien gja ftiehem ma' Steve Aquilina ghan-nom tas-socjeta' attrici dwar il-hlas li kien dovut. Alan Vella tenna li in effetti kien hemm xi reklamar li ma sarx sewwa u kien ghalhekk li kienu ftehmu li s-socjeta' attrici kellha tohrogilhom credit note ghal hlas zejjed li kienu ghamlu. Qal li l-ufficcju taghhom qieghed Hal Far u Steve qallu biex jaghmillu c-cekk ghall-bilanc li kien fadal u huwa kien lest li jaghmillu l-credit note ghad-differenza li kien hallas. Kienu ftehmu li huma kellhom ihallsu, ghas-saldu ta' kull pretensjoni lis-socjeta' attrici, is-somma ta' elf, seba' mija u disgha u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,779.98). Ikkonferma li kien hemm certu servizzi li gew moghtija lilhom mis-socjeta' attrici li kienu sodisfatti bihom, u kien ghalhekk li kienu lesti li jhallsuhom. L-ammont li huwa semma aktar 'l fuq kien ser jirrapprezenta dawk is-servizzi li huma kienu kuntenti bihom. Jiftakar li wara dan ic-cekk li kien tah fuq il-parti ta' wara kien kiteb il-kliem "in full and final settlement on Showtime and Aroma Account as agreed between Alan and Steve". Huwa esebixxa kopja ta' dan ic-cekk u tal-warrani ta' dan l-istess cekk, li gie mmarkat bhala dokument CSH. Sostna li effettivament Aceline mbaghad kellha tibghatilhom credit note flimkien ma' cekk li kien hareg erronjament minnhom u li jinsab fil-pussess taghhom, liema dokumenti kienu ghadhom ma rcevewx sallum. Alan Vella sahaq, li ghalhekk una volta jircievi l-credit note u ic-cekk li ma kellux jissarraf, il-kwistjoni kollha tigi tranzatta.*

*Alan Vella kkonferma li huma kellhom relazzjoni bejniethom ta' xoghol ghall-perjodu ta' tliet snin. Qal li tul dawn it-tlett snin kien hemm diversi riklami li hargu. Huwa minnu li ma baghtux e-mails dwar l-ilmenti taghhom pero' kien jitkellem ma' Steve b'mod verbali. Jixtieq jghid li l-problemi li nqalghu kienu fl-ahhar sena. Huwa minnu li huwa, fil-21 ta' Jannar 2009, kien hareg zewg cekkijiet, pero' wiehed minnhom kien hareg bl-intendiment li Steve kellu jirrittornah lura una volta inghata l-iehor. Kien hemm cekk li kien hemm zball fuqu dwar konverzjoni li saret minn Liri Maltin ghal ewro. Ikkonferma li ic-cekk li tah fis-somma ta' €1,779.98 gie imsarraf mis-socjeta' attrici. Dan ic-cekk li effettivament gie imsarraf mis-socjeta' Aceline kien jirriplacja c-cekk l-iehor. It-tieni cekk li ma giex accettat mill-bank kellu ammont zbaljat u ghalhekk kienu hargu stop payment. Ikkonferma li dan kien ic-cekk fl-ammont ta' €4,778 mahrug mil-Bank of Valletta fuq kont tas-socjeta' konvenuta datat 21 ta' Jannar 2009 u fuq il-parti ta' fuq ta' dan ic-cekk esebit fl-atti, hemm miktub stop payment.*

*Meta Alan Vella gie suggerit lilu li effettivament fil-21 ta' Jannar 2009 kien hemm ftehim divers, fis-sens li kellu johrog zewg cekkijiet, dak li effettivament hareg u gie imsarraf u dokument l-iehor li huwa esebit bhala dokument Z, huwa qal li mhux minnu u cahad. Spjega li ma' jistax ikun li ikun hemm full and final settlement fuq zewg cekkijiet. Huwa minnu li kellu relazzjoni ta' xoghol kemm ma' Aceline Entertainment Limited kif ukoll ma' Aceline Productions Limited, kif effettivament huma intestati c-cekkijiet. Ikkonferma li verament kien hemm zewg programmi televisivi Aroma Kitchen u Showtime. Huwa minnu wkoll li huma ghamlu reklamar fuq iz-zewg programmi. Ir-relazzjoni tieghu kienet dejjem ma' Steve. Huwa minnu li huwa hareg zewg cekkijiet differenti u dan skont kif kien talbu Steve, pero' c-cekk li effettivament gie msarraf minn Steve kien ikopri d-debiti li huma kellhom maz-zewg kumpaniji. Qabel wkoll kif gie suggerit lilu li dwar il-kwistjoni tal-credit note, ma ghandhom l-ebda ftehim bil-miktub. Complaints kien qajjem dwar l-istandard tar-riklamar, u dana fl-ahhar tas-sena u mhux minnu li l-unika problema li kellu kienet li ma setax jaghmel il-hlas.*

*Id-dewmien ghall-pagament dejjem sar minhabba r-raguni li ma setghux isibu bilanc x'kellu jsir bhala hlas.*

*Fl-istess jum xehed* **Steve Aquilina** *ghan-nom tas-socjeta' attrici u kkonferma li c-cekk esebit fl-atti mmarkat bhala Dokument Z huwa indirizzat lil Aceline Ent. li tfisser Aceline Entertainment Limited filwaqt li c-cekk l-iehor li esebixxa Alan Vella huwa indirizzat lill Aceline Entertainment u ghalhekk dawn iz-zewg cekkijiet kienu indirizzati lill-istess socjeta'. Il-beneficcjarju ta' dawn iz-zewg cekkijiet huwa l-istess. Huwa minnu li r-resolution sabiex issir il-merger bejn s-socjeta' Aceline Entertainment Limited u Aceline Prodcutions Limited saret fis-16 ta' Novembru 2009, u c-cekkijiet esebiti fl-atti huma datati Jannar 2009. Qal li dan nonostante l-pagamenti kienu dovuti f'Gunju 2008 u ircevewhom sitt xhur wara. Ikkonferma li effettivament kellhom zewg kumpaniji Aceline Entertainment Limited u Aceline Productions Limited u s-socjeta' konvenuta kienet tirriklama maz-zewg kumpaniji separati. Jiftakar li f'Jannar is-socjeta' konvenuta kienet harget cekk u kien mar jigbru biex isarfu izda c-cekk ma' issarrafx. Effettivament f'dik l-istess gurnata rega' mar lura ghand l-istess kumpanija u kienu tawh cekk iehor u haseb li dan it-tieni cekk kien ser ikopri l-istess ammont dovut lilu meta effettivament irrizulta li kien ghall-ammont izghar. Nonostante dan, xorta wahda Steve Aquilina mar u sarfu. Steve Aquilina kien jaf li fuq it-tieni cekk kien hemm miktub in full and final settlement pero' in realta' kien jaf li ma kienx in full and final settlement izda huwa sarfu ghaliex kellu c-cekk l-iehor f'idejh, u dehrlu li biz-zewg cekkijiet kien ikun in full and final settlement. Huwa ddikkjara li ma fehmx li kien qed jiriplacja l-ewwel cekk. Ghalih kien cekk addizzjonali u dwar din il-kwistjoni tal-credit notes li semma il-konvenut ma jaf xejn dwarha. Ic-cekkijiet mis-socjeta' konvenuta dejjem hargu f'isem Aceline Entertainment Limited anke meta kienu dovuti lil Aceline Production Limited. L-ewwel darba li sema' dwar il-kwistjoni ta' credit note kien meta ircieva r-risposta tas-socjeta' konvenuta. Qal li seta' mar bic-cekk li ma ssarrafx, cioe' dak fejn hemm miktub stop payment ghand il-pulizija, pero' m'ghamilx hekk. Ma dherlux li kellu jaghmel hekk. Il-bank fil-fatt lilu infurmah li*

*kien hemm stop payment fuqu ghaliex kien cekk mitluf. Qatt ma kien sema' li effettivament kien hemm difetti fir-reklamar maghmul minnhom, lanqas ma' kien hemm xi hadd iehor apparti s-Sur Vella li qatt ilmenta maghhom dwar dan. Ir-riklamar live kien isir ma' Manuel Xuereb flimkien mal-prezentatrici li jkollhom dakinhar fil-programm, matul il-perjodu kollu tal-programm, l-erba' snin. Pero' kien hemm reklamar iehor li ma' kienx isir dirett u dan kien jigi provdut direttament mis-Sur Vella u f'dan il-kaz ahhari huma kienu jillowdjaw id-DVD li jaghtihom fuq is-server taghhom u jipproducuh kif ikun. Ix-xelta tar-reklamar kien isir dejjem mil-klijent, u kellu option li kieku ma' kienx kuntent bil-prezentatur taghhom ta' dik il-gimgha setgha jqabbad lil xi hadd iehor hu. Huwa esebixxa DVD li kien tahom is-sur Vella li gie mmarkat bhala Dokument Y.*

*Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011.*

*Ikkunsidrat:*

*Jinkombi f'din il-kawza li l-Qorti tezamina u tevalwa l-provi dwar jekk l- ammont reklamat mis-socjeta' attrici qattx kien dovut, qattx gie mhallas, inkluz billi sar pagament bhala hlas ghas-saldu wara ftehim bejn il-partijiet u mhux l-intier.*

*Il-prova tal-kreditu dovut kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li allegatu. Hi fil-fatt, gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Fil-kawza fl-ismijiet '**Rosario Spiteri vs Michele Mifsud'** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 1953, inghad illi:*

*"Meta l-provi testimonjali jkunu f'konflitt reciproku manifest, ikun hemm l-assoluta mankanza tal-prova, u l-konsegwenzi ta' din id-deficjenza wisq ovvjament ghandhom jirrikadu fuq min jaggrava l-oneri tal-prova".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet '**Andrew Dalli vs Michael Balzan noe'**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003, inghad illi:*

*"….l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju "actor non probante, reus absolvitur".*

*Is-socjeta' attrici tenniet fit-trattazzjoni taghha li l-verzjoni taghha kif moghtija mix-xhud principali taghha Stephen Aquilina hija aktar kredibbli u ghandha aktar mis-sewwa u ghalhekk ghandha tigi emmnuta, u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta m'ghandhomx jigu milqugha. Fejn ghandek zewg verzjonijiet possibbli jew dijametrikament konflingenti, il-Qorti ghandha tichad it-talba skont il-principju supra citat "actor non probente reus absolvitur" (**Dr. H. Lenickerr vs Joseph Camilleri** P.A. 31 ta' Mejju 1972; **Jovin Rausi noe vs John Muscat** App. 22 ta' Novembru 1995, **George Mifsud noe vs Philip Micallef** App. Sede Inf. 1 ta' Lulju 1997 u **Gemma Cassar Saelta vs Imco Distributors Ltd** App. Sede Inf. 13 ta' Jannar 1989). In oltre kif gie ritenut fl-Appell tal-25 ta' Frar 1952 (Vol XXVI.1.319) il-gudikant fil-kamp Civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhix fuq sempliciment possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizejjed bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Illi kif jirrizulta mill-atti minhabba n-natura tal-ewwel eccezzjoni kif proposta mis-socjeta' konvenuta, f'dan il-kaz saret inverzjoni fil-provi stante li jinkombi fuq id-debitur li jipprova dak li ssottometta fl-istess eccezzjoni. Is-socjeta' konvenuta tellghet lir-rapprezentant taghha jikonferma li huwa kien hallas id-debitu dovut minnha permezz ta' cekk fl-ammont ta' €1,779.98, liema cheque kellu intestat fuq wara li kien qed isir ghas-saldu ta' kull pretensjoni ulterjuri. Fil-waqt li s-socjeta' attrici tennet li vera sarfet l-imsemmi cheque izda ghamlitu ghaliex f'idejha kellha cekk iehor mahrug mill-istess socjeta' f'ammont iehor u cioe' €4,778 (Dok Z) datat 21 ta' Jannar*

*2009 u ghalhekk id-difiza tenniet li z-zewg ammonti flimkien li jammontaw ghal €6,557.98 kien l-ammont verament dovut lilha.*

*Huwa mill-ewwel car li mid-difiza tas-socjeta' konvenuta jirrizulta li hija qed issegwi il-gwida f'dik il-gurisprudenza li tghid illi "jekk id-debitur offerent jiddikjara b' mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b' kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu" ("***William Apap vs Joseph Galea et nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' Novembru, 1986).*

*Din il-Qorti tistqarr rispettosament illi ma tistax taqbel ma' din il-posizzjoni rigida fis-sentenza citata. Il-principju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fic-cirkostanzi kongruwi. Kif taraha din il-Qorti, f'kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, il-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista', ghal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni ghas-saldu, tissussisti jekk mic-cirkostanzi li fiha sar il-hlas tigi dezunta l-espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din, li kif enuncjat f' bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b'mod li mill-fatti ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet "***Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut nomine",*** Qorti Civili Prim'Awla, 10 ta' Ottubru, 1950.*

*Dan premess, il-kwistjoni sollevata hawnhekk gja giet drabi ohra ezaminata mill-gudikant sedenti f'kawzi ohra. Hekk fis-sentenza "***Johann Schembri proprio et nomine -vs- Charlot Mifsud nomine***", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar deciz fid-19 ta' Ottubru 2005, din il-Qorti kif presjeduta, irravvisat illi, ghalkemm in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta cheque lilu mibghut fit-termini "full and final settlement", u jghaddi biex isarrfu, jigi li accetta dak il-hlas f'dawk l-istess termini precizi, eppure, jekk jigi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghall-pagament b'dik il-modalita`, l-accettazzjoni minnu ta' dak*

*ic-cekk u s-sussegwenti tisrif tieghu ma kellux, imbaghad, jigi rinfaccjat lilu bhala xi abdikazzjoni tad-dritt tieghu ghal hlas tal-bilanc dovut;*

*Din il-Qorti hi tal-fehma illi, ghalkemm ic-cekk f'dawk l-istess termini kien jikkostitwixxi rikonixximent tal-pagament*
*u prova pjena tal-hlas specifiku ta' somma determinata, l-interpretu ma ghandux jeccedi l-limiti ta' dik l-konfessjoni mill-kreditur stabbilita bir-ricezzjoni u tisrif tac-cekk sic et simpliciter. Dan ghaliex hemm diversi sentenzi li jghidu li ghal skop ta' certezza morali jekk id-debitur kellu l-intenzjoni li l-hlas b'dak ic-cekk kellu jkun wiehed finali, hu kien messu insista ghal kwittanza shiha permezz ta' dokument jew ricevuta jew kitba xort'ohra attestanti r-ricezzjoni tal-hlas ghas-saldu, u allura wkoll, l-estinzjoni tad-debitu. Ara "***Francis Ciantar proprio et nomine -vs- Norman Clews et***", Qorti Civili Prim'Awla, 12 ta' Ottubru, 2005;*

*Tabilhaqq, il-pagament akkompanjat bid-dikjarazzjoni illi dan kien qed isir "ghas-saldu" ma hux bizzejjed biex jassolvi ghal kollox ir-rapport kreditur-debitur u l-estinzjoni ta' l-obbligazjonijiet da parti tad-debitur. Dan irrikonoxxietu wkoll is-sentenza "***Agius Marble Works vs AX Construction Ltd"***, Qorti Civili Prim'Awla deciz fit-8 ta' Marzu 2005 per Imhallef Giannino Caruana Demajo. Fiha nghad illi l-hrug ta' ricevuta ghas-saldu ma jzommx lil kreditur milli jitlob hlas ghal xoghlijiet li jkunu thallew barra meta saru l-kontijiet li fuqhom sar il-hlas;*

*Illi ghalhekk jehtieg li din il-Qorti tezamina l-fatti ta' dan il-kaz.*

*Is-socjeta' attrici tghid li hija kreditrici tal-attur fis-somma ta' hamest elef, mitejn u tnejn u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€ 5,222.45) rapprezentanti somma dovuta lis-socjeta' Aceline Entertainment Limited skont l-invoices A , B u C fl-ammont ta' elf, tliet mija u erbgha u erbghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,344.25) u somma ohra ta' tlett elef, tmien mija u tmienja u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€ 3,878.20) dovuti lis-socjeta'*

*Aceline Productions Limited skond l-invoices D sa J. Is-socjeta' attrici tghid li ghalkemm l-ammonti dovuti originarjament kienu dovuti lil zewg socjetajiet dawn illum huma dovuti lilha biss stante li kien hemm merger kif deskritt fid-dokument K esebit fl-atti.*

*Stephen Aquilina pero' jghid li huwa kien iltaqa' ma' Alan Vella ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u kien wasal ghal ftehim dwar il-pendenzi ta' bejniethom billi inghata zewg cekkijiet separati li flimkien jammontaw ghal sitt elef, hames mija u seba' u hamsin ewro u tmienja u disghin centezmu (€ 6,557.98). Jichad li s-socjeta' konvenuta kienet qatt ilmentat mieghu li kien hemm xi difetti fir-reklamar li huma hargu. Qal ukoll li dik kienet l-ewwel darba li sema bl-ilmenti ghalkemm jistqarr li verament il-kreditu tieghu mas-socjeta' konventua kien ilu pendenti ghal certu zmien. Mistoqsi ghaliex kien sarraf ic-cekk fl-ammont ta' elf, seba' mija u disa' u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€ 1,779.98) meta fuq 'il wara tieghu kien hemm miktub in full and final settlement jghid li dan ghamlu ghaliex f'idejh gja kellu cekk iehor u ghalhekk haseb li kien ser ikun kopert. Jghid li ghalhekk il-krediti tieghu kienu jikkonfernaw zewg socjetajiet. Is-socjeta' konvenuta dejjem halset lis-socjeta' attrici anke meta id-debitu taghha kien mas-socjeta' Aceline Productions Limited.*

*Min-naha l-ohra Alan Vella xehed u spjega li verament kien hemm xi pendenzi mas-socjeta' attrici pero' f'ammont izghar u jghid li kien iltaqa' ma Stephen Aquilina u kienu iddiskutew kif setghu jiffinalizzaw il-pendenzi ta' bejniethom. Jghid li huwa ma kienx kuntent b'certu reklamar li kien ghamel maghhom u li kien ghalhekk li l-kontijiet baqghu pendenti ghal certu zmien. Jghid pero' li darba minnhom dan Aquilina kien mar l-ufficcju taghhom u kienu waslu ghal ftehim ta' kemm hu l-bilanc dovut. Jghid li ghall-ewwel hareg cekk fl-ammont ta' €4,778 izda wara induna li kien hemm zball f'xi konversjoni li saret mill-Liri Maltin ghal ewro u ghalhekk kien cempillu u attiralu l-attenzjoni dwarha u Stephen rega' mar lura ghandu u dan ic-cheque kien gie replaced bic-cheque fl-ammont ta' €1,779.98 li effettivament kien gie imsarraf mis-socjeta`*

*attrici. Jghid ukoll li huwa kien talab lil Aquilina sabiex itih lura c-cekk li kien tah izda dan qatt ma ghaddihulu u li kien ghalhekk li ghamel stop payment u li kellu itih ukoll xi credit notes liema credit notes ma waslu qatt lanqas.*

*Jirrizulta minn ezami ta' dawn id-dokumenti (Dok CSH - ic-cekk fl-ammont ta' €1,779.98 u d-Dok Z - ic-cekk fl-ammont*
*ta' €4,778) li dawn iz-zewg cekkijiet hargu fl-istess jum u cioe' fil-21 ta' Jannar 2009, it-tnejn f'isem is-socjeta' Aceline Entertainment Limited (ghalkemm l-attur jghid li parti mill-kreditu taghhom kien tas-socjeta' Aceline Productions Limited) u fuq wara ta' dawn iz-zewg cekkijiet hemm il-kliem 'in full and final settlement on account of Aceline for Showtine and Aroma'. Jigifieri ma hemmx dubju li l-konvenut kien qed jikkonkludi l-pretensjonijiet kollha li huwa kellu mas-socjetajiet. Haga stramba pero', u ghalhekk din il-Qorti hija propensa aktar temmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mis-socjeta' konvenuta, li z-zewg cekkijiet flimkien, li kieku kellhom jissarfu t-tnejn, ma jammontawx ghall-ammont mitlub mis-socjeta' attrici izda jammontaw ghal aktar u s-socjeta' attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar dan.*

*Ghalhekk din il-Qorti hija propensa temmen aktar il-verzjoni moghtija minn Alan Vella li huwa kien iltaqa' ma' Stephen Aquilina u kienu ftehmu dwar il-bilanc dovut u cioe' li dan kellu jkun elf, seba' mija u disa' u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€ 1,779.98) kif indikat fic-chek esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok CSH u kien ghalhekk li s-socjeta' attrici sarfitu. Fil-fatt jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta ma ghamlitx stop payment fuq ic-cekk fl-ammont ta' erbat elef, seba' mija u tmienja u sebghin ewro (€4,778) (Dok Z) minnufih kif donnu ta x'jifhem Aquilina, izda stenniet li dan Aquilina jirritornah u meta ma irritornahx ghamlet stop payment, u cioe' nhar it-2 ta' Marzu 2009, xahar u nofs wara li harget l-istess cekk. Illi ghalhekk dan kollu jsahhah it-tezi tas-socjeta' konvenuta li effettivament il-kontendenti kienu waslu fi ftehim dwar il-bilanc dovut.*

***Ghaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara li s-socjeta' attrici ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha u tichad it-talba attrici billi takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.***

***Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici u bl-imghax skont il-ligi."***

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Aceline Entertainment Ltd datat 5 ta' Jannar 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Price Breakers Limited (C 20981) datata 24 ta' Jannar 2012 a fol 20 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanta.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Lorna Mifsud Cachia tat ruhha b' notifikata bl-avviz tas-smigh tal-appell. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-11 ta' Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 16 ta' Dicembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta' appellanti tallega li sar apprezzament hazin tal-provi mill-ewwel Qorti

Illi jidher li s-socjeta' appellanti qed tghid li hargu fl-istess gurnata tal-21 ta' Jannar 2009 zewgt cekkijiet mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici l-ewwel wiehed kien ta' €4,778.00 li ma ssarafx, u kien ghalhekk li Stephen Aquilina f'dik il-gurnata stess mar ghand Alan Vella sabiex skond hija jinhareg cekk iehor sabiex ikopri l-ammont ta' l-ewwel cekk, hareg cekk ta' €1,779 u dan issarraf ghalkemm kien f'ammont ferm izghar u kien ukoll "in full and final settlement on account of Aceline as Showtime & Aroma as agrred" u skond is-socjeta' appellanti, ghalkemm l-ammont dovut kien ferm ikbar, ic-cekk xorta wahda ssaraf ghaliex kien ghad kellhu f'idejh l-ewwel cekk ta' €4,778.00, li kien ghadu ma ssarafx u kien ghadu f'idejh u dan kien ukoll "in full and final settlement on account of Aceline as Showtime & Aroma as agreed". Wara fit-2 ta' Marzu 2009 kien sar *stop payment* mis-socjeta' appellanti fuq l-ewwel cekk mahrug li skond l-istess socjeta' appellanti kien allura ghadu dovut.

Illi l-appell huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin ghaliex (a) Alan Vella mhux kredibbli ghaliex dan heba l-ewwel cekk fix-xhieda tieghu u wkoll ma kienitx kwistjoni ta' kambjament ta' Liri ghall-Ewro fuq l-ewwel cheque; (b) il-Qorti qaghdet fuq il-punt li t-total taz-zewgt cekkijiet huwa izjed minn dak li kien dovut izda ma tatx kaz il-fatt li meta nhareg l-ewwel cekk sabiex suppost jissostitwixxi l-ewwel cekk, s-socjeta' appellata ma talbietx l-ewwel cekk; (c) l-Qorti injorat il-fatt li l-ewwel cheque ma kienx issarraf dak in-nhar stess ghaliex kien hemm stop payment dwaru u sostniet li kien hemm stop payment biss fid-9 ta' Marzu 2009 u allura jfisser *"li ma kien hemm ebda kuntatt bejn Aquilina u Vella dwar ic-cekk allegament zbaljat";* (d) la darba kien hemm ftehim fuq l-ammont l-istess socjeta' appellanti ssaqsi kif jista' jkun li jkun hemm zball fuq l-ewwel cekk; (e) minflok giet ppruvata t-tezi attrici u r-reklamar sar skond kif miftiehem u kien tal-kwalita' pattwieta; (f) ma ingabet l-ebda prova tal-ftehim allegat mis-socjeta' intimata; (g) is-

somma kollha miftehma thallset permezz taz-zewgt cheques flimkien.

Illi ma hemmx dubju li dan l-appell huwa appell minn apprezzament tal-fatti u dwar l-istess issir referenza ghas-sentenzi **"Alvin Spiteri Debono vs Lorant Kulscar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Gunju 2012); **"John Bezzina et vs Emanuel Camilleri"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2011) u **"Angelo Bilocca vs John Mary Cardona"** (A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011) fejn inghad li:-

*"illi f'dan l-appell ta' appellant huwa msejjes ssotanzjament fuq l-allegazzjoni li sar apprezzament hazin tal-fatti mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward, issir riferenza ghas-sentenzi **"Carmel Zammit et vs Anthony Lia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Ottubru 2009) u **"Noel Cutajar vs Graziella Zahra"** (A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011) fejn inghad li sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti, din ta' l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti giet ezercitata manifestament hazin. F'dan is-sens, hija s-sentenza fl-ismijiet **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited"** (A.C. - 4 ta' Lulju 2008) fejn il- Qorti rriteniet illi:-*

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

*Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Phyliss Ebejer et vs Joseph Aquilina"** (A.C. – 10 ta' Jannar 1995 – Vol. LXXIX.i.248) inghad li l-Qorti tal-Appell tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f''kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti. Jinghad li tal-istess portata huma d-decizjonijiet **"Ruth Spiteri vs. Emmanuel Vella"** (A.I.C. – 5 ta' Marzu 2003) u **"Hilda***

***Debrincrat vs Mario Farrugia** (A.I.C. (Ghawdex) – 14 ta' Lulju 2004); u **"Joseph Grech Sant vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); u **"Hans Jocham Link et vs Raymond Mercieca"** (A.I.C. – 12 ta' Jannar 2001).*

*Illi fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) inghad ukoll li:-*
*"gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*
Illi minhabba anke kif impost l-appell din il-Qorti rat l-atti kollha relattivi processwali fid-dawl tal-aggravji mressqa u thoss li fil-verita' l-Ewwel Qorti jidher li waslet ghall konkluzzjoni li setghet tasal ghaliha in vista tax-xhieda li kellha quddiema, b'dan li l-apprezzament tal-provi taghha sar fil-parametri tad-diskrezzjoni li hija ghandha dwar tali valwazzjoni ta' provi li fuq kollox juru li kieku tigi accettata t-tezi tas-socjeta' appellanti l-ammonti ndikati fiz-zewgt cekkijiet kien ikun aktar minn dak attwalment rikjest mis-socjeta' attrici fl-azzjoni odjerna u wkoll li t-tieni cekk issarraf (u mhux biss inhareg) meta kien hemm fuqu li kien qed issir pagament *per saldo* u dan minkejja li l-ewwel cekk baqa' ma ssarafx, u allura l-istess Qorti kkonkludiet li veru allura li kien hemm ftehim bejn il-

partijiet fuq ammont li kellhu jithallas u kien in vista ta’ dan li nhareg it-tieni cekk, b’dan li l-ewwel cekk kellhu jigi ritornat u meta ma giex ritornat sar *stop payment* fil-21 ta’ Marzu 2009 fuq l-ewwel cekk.

Illi din il-Qorti thoss li legitament l-Ewwel Qorti setghet u fil-fatt waslet ghall tali konkluzzjoni u abbazi tal-provi prodotti jidher li l-ewwel Qorti kkonkludiet sew anke ghaliex dak li jinghad fl-appell odjern lanqas huwa konsistenti u sorrett mill-fatti. Dan ghaliex fl-ewwel lok jirrizulta mix-xhieda ta’ Alan Vella li huwa qatt ma innega l-hrug ta’ zewgt cheques u dan jidher li sar fl-unika seduta li huwa xehed fit-23 ta’ Novembru 2011; mhux hekk biss izda is-socjeta’ appellanti tghid li ma kienx hemm ebda kuntatt bejn Aquilina u Vella dwar ic-cekk allegatament zbaljat (l-ahhar paragrafu ta’ pagna 11 tar-rikors tal-appell) meta proprju hija stess tghid f’paragrafu (v) tar-4 pagna tal-appell li *“is-socjeta’ appellanti (permezz ta’ Alan Vella) kienet tat cekk lil Stephen Aquilina li mar sarfu f’dik l-istess gurnata liema cekk ma ssarraffs. Ghalhekk, Steve Aquilina, dejjem fl-istess gurnata, rega’ mar lura ghand is-socjeta’ appellata u talabha cekk iehor biex ikopri l-ammon ta’ l-ewele cekk. Madankollu, lill Steve Aquilina, Alan Vella tah cekk iehor b’ammont ferm izghar…”.* Ma hemm dubju li s-socjeta’ appellanti, anke hawn qed tikkontradixxi lilha nfisha.

Illi mhux hekk biss izda hija inverosimili li wara li cekk ma jissarrafx, tmur dak in-nhar stess ghand min hargu, sabiex tiehu cekk iehor, u fil-fatt tiehu cekk iehor f-ammont inqas, u tikkonsidra li z-zewgt cekkijiet, u allura dak li gja ma ssarafx ghandhom jitqiesu flimkien, bhala l-ammont li kellhu jithallas, u mbaghad issarraf it-tieni cekk fl-ammont izghar u meta dan inhareg *per saldo* u l-ewwel cekk jibqa’ ma jissarrafx.

Illi l-posizzjoni tas-socjeta’ appellanti tigi reza iktar inkredibbli u inverosimili meta tghid li l-ewwel cekk ma ssarafx ghaliex kien hemm *stop payment* dak in-nhar li inhareg meta mid-Dok. “Z” li huwa proprju l-ewwel cheque jidher miktub fuqhu li kien hemm stop payment biss fit-2 ta’ Marzu 2009; ma jirrizultax li fuqhu kien hemm *stop payment* qabel, u dan fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jkompli

jikkonferma li t-tezi tas-socjeta' appellanti, almenu kif tirrizulta mix-xhieda u minn dak sottomess lanqas hija konsistenti maghha infisha u wisq inqas verosimili.
Illi din il-Qorti thoss li mill-provi rrizulta ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li t-tieni cekk inhareg bl-intendiment li jissottwixxi l-ewwel cekk u dan sar wara ftehim bejn il-partijiet fuq il-hlas dovut stante pendenzi bejn il-partijiet, liema cekk kellhu miktub fuqu *in full and final settlement* u li Steve Aquilina immedjatament mar sarraf. Certament f'dan il-kuntest lanqas biss jista' qatt jinghad li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati tenut kont tal-fatt li hlas fuq l-ewwel cekk qatt ma kien hemm, u l-hrug ta' cekk lanqas jista' jitqies bhala pagament; it-tisrif tieghu jista' jitqies hekk, izda mhux il-hrug ta' cekk fih innifsu u ghalhekk ma jistax jinghad li "*is-somma kollha miftehma thallset permezz taz-z-zewgt cheques flimkien".*

Illi minbarra dan din il-Qorti thoss li zball vitali li ghamlet is-socjeta' konvenuta huwa li la darba qed tvanta l-pretensjoni odjerna hija xorta lahqet sarfet it-tieni cekk, ghalkemm ma jirrizultax meta, u dan meta kienet taf li l-ewwel cekk kien ghadu ma thallasx, u t-tieni cekk inghata u hareg u attwalment thallas *per saldo;* ma jidhirx lanqas li wara li hrug tat-tieni cekk fl-ammont hekk indikat u attwalment ricevut mis-socjeta' attrici kien hemm xi ilment dwar il-mod kif hareg u allura hawn japplika dak li nghad fis-sentenzi **"Fithome Ltd. vs Galexy Holiday Resorts Ltd"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Mejju 2001) u **"Dr Stefan Camilleri LL.D. noe vs Calbros Ltd"** (P.A. (RCP) - 2 ta' Dicembru 1999 – Cit Nru 1616/98/RCP) fejn saret riferenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-26 ta' Novembru 1986 fl-ismijiet **"William Apap vs Joseph Galea et noe"** fejn intqal hekk:-

"*Infatti jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma offerta ta' pagament a saldu*".

Illi ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tas-socjeta' Price Breakers Limited datata 24 ta' Jannar 2012, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Aceline Entertainment Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 5 ta' Jannar 2012 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn premessi u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Aceline Entertainment Ltd vs Price Breakers Ltd" (Rikors Numru 150/2011CSH) datata 16 ta' Dicembru 2011.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Aceline Entertainment Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------